

# Mitt Sena mill-Mewt ta' Karlu Darmanin

## Xogħolijiet li wettaq fil-Parroċċa u fil-Festa Tagħna

Kitba ta' Mario Formosa Holt

Malta din is-sena qed tfakkar għeluq il-mitt sena mill-mewt ta' wieħed mill-aqwa esponenti ta' l-arti sagra tas-seklu Dsatax. Ftit huma l-knejjes f'pajjiżna li ma gawdewx mill-wirt għani li ħallielna Karlu Darmanin. L-istess nistgħu ngħidu għal pjazez u toroq fl-ibliet u l-irħula tagħna, li fihom jintramaw statwi mill-isbaħ ta' dan l-istess statwarju fil-jiem tal-festa.

Karlu, iben Ġużeppi u Maria nee Cumbo twieled l-Isla nhar it-30 ta' Awwissu 1825. Meta kien għadu żagħżugħ hu kien jgħin lil missieru li kien marmista. Meta tfarfar, fuq parir ta' kuġinuħ Giovanni, huwa rama għal rasu u ntefa' l-aktar fuq xogħol fil-kartapesta. Hu ħoloq mod ġdid ta' kif tinħadem din is-sengħa u x-xogħol beda jingħoġob. L-istatwi ta' Darmanin malajr spikkaw għas-sbuħija u d-dettalji speċjalment fil-paniġġi, li diversi kappillani w retturi ta' knejjes ikkummissjonawlu diversi xogħolijiet. Huwa ħadem b'ħila diversi vari titulari bħalma huma dawk tas-Salvatur, San Gejtanu u San Ġiljan. Numru mdaqqas ta' statwi tal-Passjoni wkoll ħarġu minn taħt idejh.





*L-istatwa ta' San Mattew wieħed mill-erba' evanġelisti li Darmanin kien ħadem għall-festa ta' Stella Maris*

Missirijietna mħeġġa anke mir-rgħajja spiritwali tagħhom dejjem ħasbu sabiex isebbħu d-Dar t'Alla bl-isbaħ u l-aqwa oġġetti ta' arti sagra. Għal dan il-għan kienu jqabbdu l-aqwa artisti u artiġġjani ta' żmienhom. Il-Knisja Parrokkjali ta' Stella Maris li f'dawk iż-żminijiet kienet fil-bidu tagħha, l-anqas ma kienet eċċezzjoni f'dan li ktibna. Wieħed minn dawn l-artisti li ħadem opri fil-knisja kien propju Karlu Darmanin.







*L-Altar Maġġur ta' Stella Maris armat bl-Appostli li ħadem Darmanin*

Malli wieħed jitlob mill-bieb prinċipali tal-Knisja fuq il-lemin, wieħed jilmaħ xbieha ferm devota u sabieħa ta' bust ta' l-Ecce Homo. Din inħadmet minn Karlu Darmanin fl-1868 u tħallset mis-sur Giovanni Bisazza. Tajjeb wieħed jiġbed l-attenzjoni li l-Knisja kienet ilha li fetħet il-bibien tagħha tnax il-sena qabel u kienet ferm iżgħar milli kif nafuha llum.

Fis-snin ta'wara tlesta x-xogħol tat-tkabbir tal-knisja u fi żmien l-ewwel kappillan ir-Rev. Dun Franġisk Vinċenz Manche', meta allura Prokuratur tal-Knisja Parrokkjali ta' Stella Maris, kien ir-Rev Dun Pawl Vella Mangion saru diversi opri sbieħ. Fost ix-xogħolijiet li għamel Karlu Darmanin ħadem is-sett ta' l-Appostli li jintramaw fuq l-Artal Maġġur fil-jiem tal-Festa ta' Stella Maris. Milli jidher ix-xogħol ta' dan l-istatwarju senglejan intlaqa' tajjeb tant li huwa ġie kkummissjonat sabiex jaħdem statwa tal-Madonna tar-Rużarju. Il-ġurnal ta' dak iż-żmien il-Malta Corriere Mercantile tal-21 ta' Diċembru 1901 kellu kliem ta' tifħir għax xogħol li wettaq f'din l-istatwa. B'xorti ħażina, din l-istatwa tkissret meta l-Knisja ġġarfet waqt it-Tieni Gwerra Dinjija. Il-vara tal-lum inħadmet fis-snin ta' wara l-gwerra mill-istatwarju Għawdxi Wistin Camilleri.

Anke f'dak li hu armar ta' barra għall-Festa sa madwar erbgħin sena ilu kellna xogħol mill-isbaħ ta' Karlu Darmanin. Dan kien jikkonsisti f'sett ta' erba' Evanġelisti l-ġmiel tagħhom li l-aħħar li kienu jintramaw kien fi Pjazza Annunzjata. Kontra qalbna jkollna nistqarru, li fil-ftit snin ta' qabel ma twaqqfet l-Għaqda ta' L-Armar, minn kien responsabbli mill-armar ta' barra, dan il-wirt flokk indukrah ħallieh jispiċċa fix-xejn sabiex intilef għal kollox. Hija ħasra għax żgur li llum jikkumplimenta tajjeb ma' l-armar li l-istess Għaqda rnexxielha żżid matul iż-żmien. Almenu għadna nistgħu ngawdu l-anġli sbieħ, li hawnhekk ukoll tidher l-id ħawtiela ta' Darmanin u tal-lavrant tiegħu, li l-istess Għaqda ta' L-Armar ħadet ħsieb tirrestawra.

Karlu Darmanin mar jiltaqa' mal-ħallieq nhar il-25 ta' Novembru 1909, fl-età ta' 84 sena. Nistgħu ngħidu li għalkemm għaddew mit-sena minn mewtu, ix-xbiehat sagri sbieħ u devoti li huwa ħadem għadhom xhieda ħajja tat-talent naturali li bih Alla l-Imbierek għoġbu jżejnu u nagħmlu tajjeb li dan il-wirt mhux biss ngħożżuh imma ngħadduh ikkurat lil ta' warajna.


**Riferenzi –**

Anthony Casha – Leħen il-Komunita' Ġużeppina Rabat ta' L-Imdina 2009.

Maurice Busietta – Tas-Sliema, Il-Knisja u l-Parroċċa ta' Stella Maris.

John Bisazza –Diversi artikli f'Leħen il-Parroċċa ta' Stella Maris.